**Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90, Head Office,
Marsa, MRS 1000 Malta
Email: ambjent@maltadiocese.org

# Opinjoni dwar il-*Masterplan* ta' Paceville

Matul is-snin, Paceville sar eżempju ħaj ta' żvilupp li mhux sostenibbli fejn "l-iżvilupp" bla kontroll bil-għan li jiġi ġġenerat "il-ġid" kellu effett diżastruż fuq il-kondizzjoni tal-ħajja u tal-kwalità tal-ħajja ta' ħafna, residenti u mhumiex (l-aktar żgħażagħ taħt l-età li jiffrekwentaw postijiet ta' divertiment mhux adatti għalihom), u saħansitra ta' dawk li jmexxu l-istabbilimenti tan-negozju. Min tassew jimpurtah li jsir xi ħaga, jista' jara b'għajnejh u jmiss b'idejh din ir-realtà.

Biex iħaxxnu bwiethom, xi intraprendituri f'Paceville rnexxielhom joħolqu sitwazzjoni hekk imwiegħra, li biex tirkupraha trid miljuni ta' ewro li bla dubju jridu joħorġu minn fondi pubbliċi. Ironikament il-Masterplan propost qiegħed jikkonsidra aspetti iżolati tas-sitwazzjoni. Mhux qed jitqies li l-kaġun tas-sintomi kollha huwa wieħed: nuqqas ta' sostenibilita f'kull żvilupp li sar.

M'hemm l-ebda dubju li din is-sitwazzjoni f'Paceville trid tiġi indirizzata, imma wieħed kien jistenna li l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Gvern ikunu għaqlin biżżejjed li jidentifikaw sewwa l-għerq tal-problemi kollha, jitgħallmu mill-passat biex fl-aħħar mill-aħħar ma jerġgħux jirrepetu rwieħhom l-iżbalji li saru. Dak li naqraw fl-introduzzjoni tad-dokument huwa ċar biżżejjed: "*Achieving this through an integrated approach will support the Planning Authority's aspiration to achieve sustainable economic growth, and in doing so, provide new job opportunities for residents of Paceville and the surrounding areas*".[1]

Għaldaqstant, ir-residenti taż-żona kellhom ikunu fil-qalba tal-proċess tat-tfassil ta' dan il-Masterplan. Il-Kummisssjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) ma tistax tifhem kif dan il-kunċett ta' *perspettiva integrata* (integrated approach) jista' jitwaħħad ma' metodoloġija li sa minn meta beda jitfassal dan il-pjan, naqset milli tinkludi konsultazzjoni mar-residenti. Min kien qed jaħdem fuq il-Masterplan missu l-ewwel staqsa: Min għandu jkollu l-akbar sehem fit-tfassil tal-pjan, u min l-iktar li għandu jkollu moħħu mistrieħ li l-interessi tiegħu mhumiex se jisfgħu vittma tal-istess mentalità ta' żvilupp li ġab lil Paceville fl-istat li hu llum?

Jekk ma nħallux kliem bħal *sustainable economic growth* jimpressjonana u fl-istess ħin jekk inħarsu lil hinn mid-disinji sbieħ li nsibu fid-dokument, malajr nintebħu li l-għan

[1] http://www.pa.org.mt/Documents/PacevilleIntegratedDevelopmentFramework.pdf

ewlieni wara dan il-Masterplan huwa l-iżvilupp bla rażan li jġib l-ewwel u qabel kollox il-qligħ ekonomiku a skapitu tal-interessi tar-residenti u taċ-ċittadin komuni.

Il-Masterplan jgħid "*The Government's 'Strategic Plan for Environment and Development 2015' (SPED) aims to significantly increase prosperity across Malta. A key aim is to develop a network of economically dynamic and high quality livable urban hubs*".[2] Waqt li jsemmi r-riferenza li l-SPED jagħmel għal Paceville, il-Masterplan jirreferi għall-ħsieb li l-lokal jiġi trasformat u jsir "*an attractive, safe, efficient and environmentally friendly place*".[3] U jżid jgħid: "*A clear vision is of key importance as it will help to: add value to Paceville, create a powerful identity for the area, influence perceptions of Paceville, raise expectations of quality and integrity*".[4]

Minħabba l-fatt li l-kwalità tal-ħajja tal-kommunità tal-post mhijiex prijorità għall-Masterplan, il-KA hija tal-fehma li l-viżjoni u l-oġġettivi tal-iżvilupp f'paġna 76 tal-istess dokument għandhom jinkludu t-titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-komunità ta' Paceville u taż-żoni tal-madwar bħal San Ġiljan, Is-Swieqi u Pembroke.

Waqt li fil-Masterplan insibu referenza għall-ħtieġa li jiġi aċċertat li *"the resolution of existing issues in Paceville do not lead to overspill impacts on the surrounding communities including Swieqi*"[5], il-KA tirrikmanda li l-Masterplan għandu jserraħ moħħ kulħadd li l-kwalità ta' ħajja tal-komunità tal-post qed tiġi mħarsa. Għaldaqstant il-pjan għandu jiġi rivedut, u jingħata widen għal dak li għandhom xi jgħidu l-membri ta' din il-komunità.

Il-KA tappella lill-Awtorità tal-Ippjanar u lill-Gvern biex tingħata konsiderazzjoni lir-raġunijiet li qed jagħtu l-kunsilli lokali u r-residenti sabiex dan il-pjan jiġi rivedut. Tappella wkoll lill-Awtorità tal-Ippjanar, li meta twieġeb għall-kummenti u l-ilmenti li tirċievi, tkun ċara u komprensiva mingħajr tidwir mal-lewża. L-Awtorità hija fid-dmir li tħares il-komunitajiet kollha tal-pajjiż.

Wieħed jistagħġeb kif waqt li hemm qbil ġenerali dwar il-ħtieġa ta' Masterplan għal Paceville, jidher li xi żviluppaturi xorta waħda jippreferu li l-pjan ikun flessibbli biżżejjed biex ikunu jistgħu jibnu fejn ikollhom iċ-ċans, b'mod li l-Masterplan ikun sar għalxejn[6].

Ma nistgħux ninjoraw il-fatt li f'dawn l-aħħar snin, infetħu għadd ġmielu ta' "*gentlemen's clubs*" f'dawn l-inħawi. Dan il-fenomenu jistona mhux ftit mal-isforzi ta' pajjiżna sabiex il-mara tingħata d-dinjità li tixirqilha, u mal-fatt li l-Masterplan qed

[2] *Paceville Malta, Malta's prime coastal location, Development Framework,* Mott Macdonald & BroadwayMaylan, September 2016.
[3] *Ibid.* p. 31
[4] *Ibid.* pg 75
[5] *Ibid.* pg 76
[6] Paceville expropriations must be at right value for residents, The Sunday Times, Nov 20 pg 10.

jirreklama lil Paceville bħala żona ta' livell għoli. Ir-rivisti fuq l-ajruplani li jkunu qed itiru lejn Malta aktar juru lil Paceville bħala xi *red-light district* milli lokalità ta' svog li jixraq lil kulħadd. Fid-dawl ta' dan, il-KA tirrikmanda li l-Masterplan jivverifika sewwa x'attività qed issir fl-istabbilimenti kummerċjali kollha taż-żona.

Dwar ir-reklamazzjoni tal-art, li l-Masterplan jipproponi li ssir in-naħa tal-kosta tad-Dragonara, il-KA tirrikmanda li reklamazzjoni ta' art li tipperikola r-rikkezza tal-biodiversità marina m'għandhiex tiġi kkunsidrata. Għall-kuntrarju, il-Masterplan għandu jdaħħal proposti li jiggarantixxu l-protezzjoni tagħha. Fuq kollox aħna għandna d-dmir li nħarsu l-kosta lokali minn kull aspett, mhux biss għall-patrimonju naturali u kulturali li hija toffri, imma wkoll għax uliedna għandhom dritt igawduha daqs kemm għandna aħna. Dan jidher ukoll f'deċiżjoni li ttieħdet mill-Parlament sitt xhur ilu, li tagħti lill-gvern l-awtorità li jipproteġi l-kosta f'isem il-ġenerazzjonijiet ta' issa u tal-futur.

F'Diċembru tas-sena l-oħra, ftit xhur wara l-pubblikazzjoni tal-enċiklika Laudato Si' li fiha l-Papa Franġisku jħeġġiġna biex nagħtu l-ewwel post, kif jixraqlu, lill-ġid komuni, il-Kummissjoni Ambjent kienet ippublikat għadd ta' proposti biex jgħinu lill-Gvern u lill-poplu Malti jirriflettu u jaħdem sabiex bħala nazzjon nagħtu s-sehem tagħna fil-kura ta' din id-dar komuni tagħna. Fost dawn il-proposti hemm tlieta li japplikaw ħafna għall-Masterplan ta' Paceville u li, jekk jiġu mwettqa, jistgħu jikkontribwixxu biex ir-residenti ta' dan il-lokal ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar:

1. **Nistiednu lill-Gvern biex jalloka fondi għal studju dwar id-domanda u l-provvista tal-propjetà f'Malta u l-ambjent ekonomiku u fiskali li jaffettwa il-propjetà. Ilu jinħass il-bżonn ta' dan l-istudju li għandu jkun wieħed tassew nazzjonali. Għandu jkun hemm konsultazzjoni pubblika dwar it-*terms of reference* ta' dan l-istudju u li dawn ikunu maqbula minn firxa l-iktar wiesgħa ta' *stakeholders*.**

   *Studju ta' dan it-tip jaffettwa lill-pajjiż kollu u għandu jkun trattat bħala wieħed nazzjonali. Meta jkun finalizzat, l-istudju għandu jkun ippubblikat kollu kemm hu. Huwa ovvju li r-riżultat ta' dan l-istudju għandu jkollu impatt kbir fuq il-ħarsien tal-ambjent u l-provvista ta' djar li n-nies ikunu jifilħu jħallsu għalihom. Dan l-istudju wara li jitlesta għandu jkun aġġornat b'mod regolari u jkun sors importanti ta' informazzjoni għall-Pjan Strateġiku dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED) u l-Pjanijiet Lokali. Jekk ma jsirx hekk, deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent mibni ma jistgħux ikunu deċiżjonijet infurmati, kif wieħed jistenna, speċjalment fil-każ ta' pajjiż b'densità ta' popolazzjoni għolja bħal tagħna.*

   Fil-kuntest tal-Masterplan ta' Paceville, li jsir studju ta' dan it-tip isir aktar importanti.

2. **Nappellaw lill-Gvern u l-awtoritajiet biex jinfurzaw ir-regolamenti mingħajr biża' u favur b'mod ġust ma' kulħadd.**

*L-infurzar mhux ugwali tar-regolamenti fuq intrapriżi joħloq kompetizzjoni inġusta bejn dawk li jirrispettaw ir-regolamenti ambjentali u tal-ippjanar u dawk li jingħataw x'jifhmu li huma 'l fuq mil-liġi minħabba l-imġiba tal-awtoritajiet.*

Sabiex f'Paceville ikun hemm l-ordni u l-paċi pubblika m'hemm il-ħtieġa tal-ebda Masterplan. M'hemmx għalfejn nistennew il-Masterplan biex ninvestu fir-riżorsi neċessarji ħalli, mingħajr ma nħarsu lejn wiċċ ħadd, jiġu infurzati l-liġijiet relatati mal-kontroll fuq it-tipjip f'postijiet pubbliċi, l-aċċess fi stabbilimenti ta' divertiment għal persuni taħt l-età u l-imġiba ta' persuni irresponsabbli li jagħmlu l-ħajja tar-residenti infern, b'riżultat li dawn ikollhom ibatu l-konsegwenzi ta' inċidenti koroh u kultant ħsara lill-istess propjetà tagħhom

3. **Nappellaw lill-Gvern biex iwettaq ir-riformi meħtieġa fil-mod kif jikri, jagħti b'ċens jew jgħaddi art pubblika lil terzi persuni u biex jiżgura trasparenza fl-għoti ta' *tenders* li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent.**

*Il-Gvern huwa l-ikbar sid tal-art f'Malta u huwa fid-dmir li jiżgura li propjetà li qiegħda taħt il-ħarsien tiegħu tkun amministrata b'mod li huwa trasparenti u li jagħmel ġustizzja mal-pajjiż kollu u mal-ġenerazzjonijiet ġejjiena.*

B'xorti ħażina, jeżistu dubji fuq il-mod kif ġiet allokata l-art f'Paceville. Qabel ma l-pjan jiġi approvat, il-Gvern għandu jagħmilha ċara min, fl-aħħar mill-aħħar, se jkun qed iħallas biex iwettaq il-Masterplan rivedut. Wieħed jistenna li l-qliegħ li se jiġi ġġenerat mill-iżvilupp bis-saħħa ta' dan il-Masterplan, għandu jikkontribwixxi għall-infrasruttura kif ukoll jagħmel tajjeb għall-esproprjazzjoni li jkollha ssir biex iseħħ dan l-istess żvilupp. Sadanittant, il-Kummissjoni Ambjent tappella lill-Gvern biex ma jeħux deċiżjonijiet fuq it-trsferiment ta' propjetà li jikkompromettu r-reviżjoni tal-Masterplan u li tingħata attenzjoni xierqa lill-ilmenti tar-residenti ta' San Ġiljan, is-Swieqi, Pembroke u naturalment ta' Paceville stess.

Fl-aħħarnett, waqt li wieħed jikkundanna kull attentat li jsir biex din il-kwistjoni ddur f'waħda politika b'mod li jispiċċa jbati ċ-ċittadin, il-KA tħoss li, għal darb'oħra, din hija opportunità biex jitwettaq żvilupp li jkun tassew sostenibbli. Taħt diversi amministrazzjonijiet, pajjiżna spiss kellu jbati l-konsegwenzi ta' raġunament li jpoġġi l-interessi ekonomiċi l-ewwel u qabel kollox, bl-iskuża li jkun xi proġett ta' interess nazzjonali. Fir-realtà, f'dawn il-każi dejjem gawdew il-ftit, waqt li ċ-ċittadin komuni jispiċċa minn taħt; sempliċiment għax fil-kurituri tal-poter, leħnu ma jinstema' qatt. Il-konsultazzjoni titnieda normalment wara li l-proġett ikun diġà ppjanat, u dan isir biss biex jitmewtu xi impatti negattivi tal-proġett, u mhux biex wieħed jikkunsidra kemm ikun vijabbli.

Mhux l-ewwel darba li pajjiżna kien kuraġġuż biżżejjed biex dan il-mod ta' kif isiru l-affarijiet, jiqaflu. Il-proġett ta' Paceville huwa opportunità oħra. Għandna opportunità li nibdlu l-mod predominanti ta' kif isir l-iżvilupp u kif jiġi ġġenerat il-ġid – li nibdlu r-raġunament li jpoġġi l-qliegħ qabel kull konsiderazzjoni oħra tal-ġid komuni u l-kwalità tal-ħajja tan-nies tal-lokal u tal-madwar. Għandna opportunità biex inwettqu riġenerazzjoni ta' Paceville li tpoġġi is-sensitività għall-ħtiġijiet soċjali, il-ġustizzja soċjali u r-responsabbiltà ambjentali bħala s-sisien ta kull żvilupp ekonomiku. Se nerġgħu nħallu din l-opportunità taħarbilna minn idejna?

24 ta' Novembru 2016